

Brussell, 26 ta' Ġunju 2019
(OR. en)

10592/19

ENER 392
CLIMA 196

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10264/19	
Suġġett:	Konklużjonijiet dwar il-futur tas-sistemi tal-enerġija fl-Unjoni tal-Enerġija biex jiżguraw it-transizzjoni enerġetika u l-kisba tal-oġġettivi enerġetiċi u klimatiċi sal-2030 u lil hinn - Konklużjonijiet tal-Kunsill (25 ta' Ġunju 2019)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-futur tas-sistemi tal-enerġija fl-Unjoni tal-Enerġija biex jiżguraw it-transizzjoni enerġetika u l-kisba tal-oġġettivi enerġetiċi u klimatiċi sal-2030 u lil hinn, adottati mill-Kunsill Trasport, Telekomunikazzjoni u Enerġija li sar fil-25 ta' Ġunju 2019.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL

dwar il-futur tas-sistemi tal-enerġija fl-Unjoni tal-Enerġija biex jiżguraw it-transizzjoni enerġetika u l-kisba tal-oġġettivi enerġetiċi u klimatiċi sal-2030 u lil hinn

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea:

1. FILWAQT LI JFAKKAR:

- fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fit-13 u l-14 ta' Diċembru 2018, speċjalment fir-rigward tal-istedina biex titkompla l-ħidma fuq l-elementi deskritti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Pjaneta Nadifa għal kulħadd",
- fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-21 u t-22 ta' Marzu 2019 li jenfasizzaw l-importanza li l-UE tippreżenta strateġija fit-tul ambizzjuża sal-2020,
- fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fl-20 ta' Ġunju 2019 li jindirizzaw il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea dwar viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima,
- fil-pakkett leġislattiv "Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha", li jistabbilixxi l-qafas għall-implimentazzjoni tal-miri enerġetiċi u klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 fir-rigward tat-tnaqqis tal-gass serra, iż-żidiet fl-enerġija rinnovabbli, it-titjib fl-effiċjenza enerġetika u l-interkonnessjonijiet elettriċi,
- fil-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fil-21 ta' Novembru 2018 dwar "Strateġija futura għall-Politika Industrijali tal-UE" li jenfasizzaw l-importanza li l-politika industrijali tkun integrata fil-politiki kollha tal-UE, inkluż il-politika dwar l-enerġija.

2. FILWAQT LI JIEĦU NOTA TA':

- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-16 ta' Frar 2016 dwar "Strateġija tal-UE dwar it-Tisħin u t-Tkessiħ",
- Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2017 dwar "It-tisħiħ tan-netwerks tal-enerġija tal-Ewropa",
- Ir-rapport mill-Kummissjoni dwar "Il-prezzijiet u l-ispejjeż tal-enerġija fl-Ewropa" tad-9 ta' Jannar 2019,
- Ir-rapport mill-Kummissjoni bit-titolu "Ir-Raba' Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija" tad-9 ta' April 2019,
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' April 2019 dwar iċ-Ċibersigurtà fis-Settur tal-Enerġija.

3. FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija b'politika progressiva dwar il-klima, li huma marbuta mill-qrib flimkien u li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku: is-sigurtà tal-enerġija, is-solidarjetà u l-fiduċja; suq Ewropew tal-enerġija integrat għalkollox; effiċjenza enerġetika li tikkontribwixxi għall-moderazzjoni tad-domanda; id-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija; u r-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività, u l-ħtieġa li jkunu provduti strateġija koerenti u approċċ bilanċjat tal-ħames dimensjonijiet u FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-importanza tal-integrazzjoni tal-politiki settorjali kollha biex ikunu appoġġati l-oġettivi enerġetiċi u klimatiċi, is-sigurtà tal-provvista u l-aċċess mill-konsumatur għall-enerġija.

4. JISSOTTOLINJA l-importanza li sal-2020 l-UE tippreżenta strateġija fit-tul ambizzjuża li ttipprova tikseb newtralità klimatika f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li tiegħu kont tal-ispeċifitajiet tal-Istati Membri u l-kompetittività tal-industrija Ewropea u JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jiżdiedu l-isforzi globali biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima fid-dawl tal-aktar xjenza reċenti disponibbli, speċjalment ir-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar l-impatti tat-tisħin globali ta' 1.5°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.

5. JENFASIZZA l-ħtieġa għat-transizzjoni enerġetika, lejn sistema tal-enerġija affordabbli, sikura, kompetittiva, sigura u sostenibbli, u l-kisba tal-miri enerġetiċi u klimatiċi lejn l-2030 u lil hinn, b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' networks tal-enerġija interkonnessi, affidabbli u kosteffettivi u bl-immodernizzar tas-sistema tal-enerġija permezz tal-promozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, id-diġitalizzazzjoni kif ukoll bl-akkoppjament tas-settur u l-integrazzjoni tas-settur, filwaqt li JIRRIKONOXXI li swieq tal-enerġija li jiffunzjonaw tajjeb huma importanti għal transizzjoni enerġetika kosteffiċjenti, filwaqt li jiġi rikonoxxut il-prinċipju ta' newtralità teknoloġika kif ukoll id-dritt tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita enerġetika u t-teknoloġiji tagħhom.

6. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-Pjanijiet Nazżjonali Integrati għall-Enerġija u l-Klima (NECP) ambizzjużi u tal-implimentazzjoni effettiva tagħhom kif ukoll l-importanza ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' dawn il-pjanijiet, filwaqt li jittieħed kont tal-ispeċifitàjiet tal-Istati Membri u l-potenzjali differenti tagħhom riflessi fl-NECP u filwaqt li jiġi rispettata id-dritt tal-Istati Membri li jiddeterminaw l-għażla tagħhom bejn sorsi differenti ta' enerġija u l-istruttura ġenerali tal-provvista tal-enerġija tagħhom, u JIRRIKONOXXI r-rwol tas-sistema ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-iskambju tal-aħjar prattiki biex tkun garantita u ffaċilitata l-kisba tal-miri enerġetiċi u klimatiċi lejn l-2030 u lil hinn.

7. JENFASIZZA l-importanza li ċ-ċittadini u n-negozji jkunu fil-qalba tal-proċess tat-transizzjoni enerġetika, sabiex ikun żgurat l-appoġġ mill-pubbliku għall-miri enerġetiċi u klimatiċi tal-UE lejn l-2030 u lil hinn kif ukoll l-aċċettazzjoni mill-pubbliku fir-rigward tal-miżuri, filwaqt li tkun prevista transizzjoni ġusta u retta li tiegħu kont tal-klijenti vulnerabbli, il-faqar enerġetiku u l-impatti soċjali u ekonomiċi reġjonali, bħal fuq reġjuni li jiddependu ħafna fuq il-faħam, reġjuni tax-shale bituminuż u tal-pit¹.

8. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa għal enerġija affordabbli għall-konsumaturi domestiċi kif ukoll għall-industrija, sabiex tkun żgurata l-kompetittività globali tagħha.

9. JENFASIZZA l-ħtieġa li jkun hemm kondizzjonijiet ugwali għall-produtturi Ewropej tal-elettriku biex tkun żgurata l-kompetittività filwaqt li jkun hemm konformità mal-miri enerġetiċi u klimatiċi tal-Unjoni vis-à-vis il-produtturi minn pajjiżi terzi.

¹ Kif indirizzat pereżempju mill-"Pjattaforma dwar ir-reġjuni fi transizzjoni li jiddependu ħafna fuq il-faħam u l-karbonju".

10. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa għal investimenti mis-settur pubbliku u minn dak privat biex tkun iffaċilitata t-transizzjoni enerġetika fis-setturi rilevanti kollha u l-importanza li jkun żgurat appoġġ finanzjarju nazzjonali u mill-UE adegwat u qafas stabbli u prevedibbli għall-investment, FILWAQT LI JENFASIZZA f'dan ir-rigward l-importanza tal-qafas finanzjarju ġenerali tal-UE, ir-rwol tal-Bank Ewropew tal-Investment biex jipprovdi multiplikaturi għal investimenti sostenibbli u l-importanza ta' regoli tal-UE dwar tal-ġhajjnuna mill-istat li jkunu koerenti mal-miri enerġetiċi u klimatiċi tal-UE lejn l-2030 u lil hinn u mal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE biex ikunu implimentati dawn il-miri.

11. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jkun implimentat il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" f'konformità mar-Regolament dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u li tittejjeb l-effiċjenza enerġetika, pereżempju bit-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija fil-bini, f'infrastruttura tal-enerġija kif ukoll fit-tagħmir industrijali, filwaqt li JENFASIZZA l-ħtieġa li jitneħħew l-ostakli regolatorji u ostakli oħra għas-suq u jsir użu minn standards komuni.

12. JIRRIKONOXXI r-rwol importanti tal-kooperazzjoni reġjonali fl-iżgurar tat-transizzjoni enerġetika u l-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż permezz tal-fora ta' kooperazzjoni stabbiliti diġà fl-UE u ma' atturi esterni.

I. Sabiex jippromwovi l-iżvilupp ta' networks tal-enerġija affidabbli u kosteffettivi l-Kunsill:

13. JENFASIZZA l-importanza ta' networks tal-enerġija lokali, reġjonali u nazzjonali kosteffettivi u effiċjenti bħala faċilitaturi tat-transizzjoni enerġetika għall-funzjonament tas-suq intern u sabiex tkun żgurata s-sigurtà tal-provvista, b'attenzjoni fuq id-diversifikazzjoni tas-sorsi u r-rotot tal-enerġija u t-titjib tal-integrazzjoni tas-swieq.

14. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-infrastruttura tal-enerġija tkun lesta biex tagħmel użu mill-opportunitajiet offruti mill-proċess kontinwu tal-modernizzazzjoni u d-dekarbonizzazzjoni, mill-ishma li qed jikbru ta' enerġija rinnovabbli, sabiex tevolvi f'sistema tal-enerġija sikura, idonea, moderna, effettiva, intelliġenti u reżiljenti mal-UE kollha.

15. JIDENTIFIKA l-prijoritajiet li ġejjin għall-infrastruttura tal-enerġija:

- a. It-titjib tal-iżvilupp tal-interkonnessjonijiet transfruntiera meħtieġa biex tintlaħaq il-mira ta' interkonnessjoni tal-elettriku ta' 10 % sal-2020 bl-oġġettiv li sal-2030 tintlaħaq il-mira ta' 15 %, kif definit fir-Regolament ta' Governanza u li jiġu appoġġati proġetti li huma kruċjali għall-konnessjoni, l-integrazzjoni u s-sinkronizzazzjoni tas-sistemi tal-Istati Membri fin-netwerks tal-enerġija tal-UE u jiġu wkoll indirizzati l-punti ta' konġestjoni intrastatali u r-rabtiet ta' konnessjoni interni li jonqos, bil-għan li jinkiseb suq tal-enerġija intern kompletament effettiv u aktar integrat; u t-titjib tal-flessibbiltà tas-settur tal-enerġija u tal-elettriku permezz tal-promozzjoni inter alia tal-ħażna tal-enerġija, tal-espansjoni tal-grilja, ta' ġenerazzjoni flessibbli, tat-teknoloġiji power-to-x, tal-akkoppjament tas-settur kif ukoll ta' soluzzjonijiet għall-ġestjoni tad-domanda bħall-kejl intelliġenti;
- b. L-iffaċilitar ulterjuri tal-introduzzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli (RES) kif ukoll tal-integrazzjoni tagħhom fin-netwerks, kemm fil-livell ta' trasmissjoni kif ukoll fil-livell ta' distribuzzjoni, inkluż l-integrazzjoni permezz ta' hubs u sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-integrazzjoni tas-settur u l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' ħażna, b'konsiderazzjoni għall-ħtieġa ta' netwerks imtejba għat-trasmissjoni biex tinżamm l-istabbiltà tas-sistemi ta' distribuzzjoni u s-sigurtà tal-provvista;
- c. L-iffaċilitar tal-elettrifikazzjoni ulterjuri tal-ekonomija, b'mod partikolari f'setturi b'intensività ta' emissjonijiet, bħal fis-setturi tat-trasport u tal-industrija;
- d. L-isfruttar tal-potenzjal sinifikattiv għall-użu ta' sħana rinnovabbli, sħana residwa u CHP effiċjenti ħafna fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ, inkluż it-tisħin u t-tkessiħ distrettwali;
- e. Il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' infrastruttura għal elettromobbiltà, fjuwils rinnovabbli u fjuwils alternattivi oħra bħall-idroġenu, il-bijogass u fjuwils sintetiċi f'konformità mad-Direttiva 2014/94 dwar infrastrutturi tal-karburanti alternattivi, bħall-infrastruttura għall-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi fiż-żoni pubbliċi u privati, mal-UE kollha;
- f. L-analiżi tar-rwol tal-infrastruttura eżistenti sabiex tkun assicurata transizzjoni enerġetika kosteffettiva u jiġu evitati effetti ta' intrappolament u assi mhux rekuperabbli u jiġi ottimizzat l-użu tal-infrastruttura eżistenti u l-interkonnessjonijiet disponibbli, billi jsir użu massimu mill-integrazzjoni tas-suq, l-akkoppjament tas-settur u l-kooperazzjoni reġjonali;
- g. L-iżgurar tal-protezzjoni ta' infrastruttura tal-enerġija kritika u ċ-ċibersigurtà tagħha.

II. Sabiex jippromwovi l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi l-Kunsill:

16. JAPPELLA dwar l-importanza li jinħolqu l-kondizzjonijiet ugwali għat-teknoloġiji disponibbli u emerġenti b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u għal soluzzjonijiet ibbażati fis-suq, filwaqt li JENFASIZZA li t-teknoloġiji li għandhom jintużaw jenħtieġ li jkunu affidabbli, siguri, sostenibbli u ekoloġiċi.

17. JIRRIKONOXXI l-importanza li r-riċerka u d-dimostrazzjoni kif ukoll il-kondizzjonijiet li jagħtu lok għal teknoloġiji ġodda innovattivi li jikkontribwixxu għall-oġettivi enerġetiċi u klimatiċi tal-Unjoni jiżviluppaw u jimmaturaw f'kondizzjonijiet tas-suq, JENFASIZZA l-ħtieġa li l-investimenti fir-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni jiżdiedu b'mod sinifikattiv sabiex il-kumpaniji Ewropej ikunu megħjuna jkunu teknoloġikament minn ta' quddiem fir-rigward kemm ta' teknoloġiji stabbiliti kif ukoll dawk emerġenti, filwaqt li jkunu promossi wkoll mudelli kummerċjali u innovazzjonijiet soċjali biex ikunu żgurati l-użu u l-aċċettazzjoni tas-soluzzjonijiet teknoloġiċi u f'dan il-kuntest IĦEĠĠEĠ l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jiffaċilitaw bidla strutturali fil-mod kif is-soċjetà u n-negozji jirrelataw mal-enerġija permezz tal-inċentivazzjoni ta' tibdil fl-aġir mill-individwi u l-kumpaniji li għandu jgħin biex tiġi appoġġata t-transizzjoni enerġetika.

18. JISSOTTOLINJA li d-diġitalizzazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' grilji intelliġenti u l-ġestjoni tad-data u l-protezzjoni tagħha, ser ikollha rwol fundamentali għas-sistemi tal-enerġija futuri billi tipprovdi flessibbiltà akbar u tappoġġa l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u s-sigurtà tal-provvista, filwaqt li JIRRIKONOXXI li ċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-data personali ser ikollhom jiġu żgurati fis-settur tal-enerġija kollu kemm hu.

19. ITENNI li s-sistemi ta' ħażna, kemm konvenzjonali kif ukoll soluzzjonijiet ġodda, huma ċentrali għat-transizzjoni, meta jkun qed isir kontribut għad-dekarbonizzazzjoni.

20. IĦEĠĠEĠ it-titjib tal-fondi tal-UE u tal-aċċess għalihom, b'mod partikolari għall-konsumaturi attivi u l-komunitajiet tal-enerġija kif ukoll għall-industrija meta jkunu qed jinnovaw u meta jkunu qed jadattaw għall-ħtiġijiet tat-transizzjoni enerġetika, filwaqt li jkunu żgurati kondizzjonijiet ugwali fost il-parteciċipanti kollha tas-suq.

21. JENFASIZZA l-importanza ta' soluzzjonijiet ibbażati fis-suq flimkien ma' appoġġ finanzjarju kosteffiċjenti għall-użu rapidu tal-enerġija rinnovabbli, fost l-oħrajn permezz tal-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni l-ġdid fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, l-effiċjenza enerġetika; u teknoloġiji oħra b'livell baxx ta' emissjonijiet bil-għan li jiġu sfruttati l-potenzjali tar-rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika, speċjalment fis-settur tal-bini, u li jiġu sfruttati s-sinerġiji ma' skemi ta' finanzjament tal-UE oħra bħal Orizzont Ewropa, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-programm InvestEU u l-Fondi Strutturali sabiex ikun żgurat il-finanzjament kosteffettiv tat-transizzjoni enerġetika u f'dan il-kontest IĦEĠĠEĠ l-użu ta' strumenti għat-tneħħija tar-riskji finanzjarji, għas-setturi tar-rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika.

22. FILWAQT LI JAGĦRAF l-ambizzjoni tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, JIEĦU NOTA tal-fatt li soluzzjonijiet li huma bbażati fuq it-teknoloġiji ta' ġbir u ħżin tal-karbonju (CCS) u ta' ġbir u użu tal-karbonju (CCU) jista' jkollhom rwol fid-dekarbonizzazzjoni, speċjalment għall-mitigazzjoni ta' emissjonijiet ta' proċessi fl-industrija, għall-Istati Membri li jagħżlu din it-teknoloġija.

23. JIRRIKONOXXI n-neċessità li jkunu valutati u meqjusa l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-użu ta' teknoloġiji ġodda kemm fuq id-dimensjoni ekonomika kif ukoll fuq dik soċjali, bil-għan li tinżamm u tittejjeb il-kompetittività industrijali tal-UE fuq livell globali sabiex jitrawmu t-tkabbir u l-impjiegi, filwaqt li jiġu evitati miżuri li jkunu ta' ħsara għaliha u JENFASIZZA l-opportunitajiet offruti minn approċċ ta' politika industrijali verament Ewropea għall-ħolqien ta' kondizzjonijiet adatti u ta' appoġġ biex l-UE tkun fuq ta' quddiem fejn għandha x'taqsam it-transizzjoni enerġetika.

III. Sabiex jippromwovi l-akkoppjament tas-settur u l-integrazzjoni tas-settur il-Kunsill:

24. JENFASIZZA l-importanza tal-integrazzjoni tas-settur u tal-akkoppjament tas-settur, bħal tal-elettriku, tal-gass, tat-tisħin u tat-tkessiħ kif ukoll tal-infrastruttura tat-trasport, appoġġati mid-diġitalizzazzjoni, li huma ċentrali bħala kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija b'mod kosteffettiv, u b'konsiderazzjoni tal-fatt li l-parteciċipazzjoni taċ-ċittadini u l-awtokonsum, bħal permezz ta' Bliet Intelliġenti u komunitajiet tal-enerġija, huma importanti biex l-akkoppjament tas-settur iseħħ.

25. JAPPELLA dwar l-importanza li jkunu żgurati kondizzjonijiet ugwali bejn is-setturi sabiex jintużaw is-soluzzjonijiet li huma aktar kosteffettivi u affidabbli għad-dekarbonizzazzjoni u f'dan ir-rigward JENFASIZZA l-hteġa li jkunu analizzati ostakli u lakuni regolatorji u oħrajn mhux ġustifikati possibbli għas-suq, u li jkunu esplorati standards komuni sabiex ikun faċilitat l-użu mis-suq u l-iżvilupp ta' teknoloġiji għall-integrazzjoni tas-settur u għall-akkoppjament tas-suq.

26. JENFASIZZA l-hteġa li jkunu sfruttati aħjar is-sinerġiji bejn il-partijiet differenti tas-sistema, il-produzzjoni, it-trasport, il-kummerċ, it-trasformazzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-enerġija, u billi l-konsumaturi jingħataw is-setgħa, inkluż fit-trasport u l-industrija, li jsiru parteċipanti attivi fis-sistema tal-enerġija, u b'hekk jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni u l-flessibbiltà tas-sistema.

27. JENFASIZZA l-potenzjal tal-bijogass u tal-bijometan kif ukoll l-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji sikuri u sostenibbli b'użu baxx ta' karbonju li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni. Il-produzzjoni ta' idroġenu, partikolarment mir-rinnovabbli, għandha potenzjal li jeħtieġ jiġi valutat u esplorat aktar, bil-ħsieb li jsir l-aħjar użu mill-infrastruttura tal-gass tal-UE eżistenti f'sistema tal-enerġija dekarbonizzata.

Bil-ħsieb tal-leġislatura li jmiss il-Kunsill:

28. JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea biex tieħu kont tal-prinċipji msemmija hawn fuq meta tkun qed tippreżenta proposti fi kwalunkwe qasam ta' politika u b'mod aktar speċifiku meta tkun qed tippreżenta proposti għall-iżvilupp ulterjuri ta' networks tal-enerġija affidabbli u kosteffettivi u biex timmodernizza ulterjorment is-sistema tal-enerġija permezz tal-promozzjoni ta' teknoloġiji innovattivi, diġitalizzazzjoni u akkoppjament tas-settur u integrazzjoni tas-settur, filwaqt li tagħmel sforz biex tinkiseb newtralità klimatika f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

29. JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea biex twettaq analiżi tat-teknoloġiji tal-akkoppjament tas-settur u tal-integrazzjoni tas-settur, inkluż il-produzzjoni ta' idroġenu, b'mod partikolari fir-rigward ta' ostakli regolatorji u għas-suq u abbażi ta' din l-analiżi tesplora inizzjattivi possibbli dwar l-integrazzjoni u l-użu effiċjenti ta' tali teknoloġiji u vetturi tal-enerġija.

30. JAPPELLA lill-Kummissjoni Ewropea biex tirrifletti l-isforzi meħtieġa biex jintlaħqu l-miri enerġetiċi u klimatiċi tal-UE għall-2030 fil-kuntest ta' kwalunkwe reviżjoni futura tar-regoli tal-UE dwar l-ġhajjnuna mill-Istat.